**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il- Hamis 24 ta' Settembru 2020.**

<u>**Rikors nru: 8/2020 AGV;**</u>

**AB**

**Vs**

**CD**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB** datat 10 ta' Jannar 2020, fejn ippermetta u pprezenta s-segwenti;

1. Illi huma zzewwgu fit- 28 ta' Settembru 2001 (ara certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok. A). Minn daz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal ;
2. Illi l-partijiet ilhom legalment seperati b' kuntratti redatt min-Nutar Dr. Bartolomeo Micallef mid-19 ta' April 2006 ( ara kopja legali tal-kuntratt anness u mmarkat Dok. B);

3. Illi ma hemm ebda prospett regenevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li l-partijiet ilhom aktar minn tlettax-il sena mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
4. Illi ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet, u dan skont l-anness kuntratt ta’ separazzjoni ( ara klawzola numru tnjen tieni pagna tal-kuntratt surreferit):
5. Illi dal-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

**Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil dina Onorabbli Qorti sabiex** ;

1. Tippronunzja d-divorzju ulhall taz-zwieg li gie ccelebrat fit- 28 ta’ Settembru 2001, bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mil-istess Qorti, javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-registru Pubbliku.

Rat li wara diversi tentattivi biex tigi notifikata l-intimata CD, giet notifkata bil-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni, izda fis-seduta tal-Hamis 23 ta’ Settembru 2020, l-intimata baqghet ma deheritx u ma pprezentatx risposta entro t-terminu, ghalhekk il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**